C/2025/5106

18.9.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12155 – CENTRICA / BRIDGEPOINT / GRAIN)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/5106)

1. Fid-9 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— GB Gas Holdings Limited (ir-Renju Unit), sussidjarja għal kollox ta' Centrica plc (ir-Renju Unit),

— Fondi kkontrollati minn ECP VI, LLC ("ECP", l-Istati Uniti), sussidjarja kompletament proprjetà ta' Bridgepoint Group plc ("Bridgepoint", ir-Renju Unit),

— National Grid Grain LNG Limited u Thamesport Interchange Limited (flimkien "Grain", ir-Renju Unit), it-tnejn li huma kkontrollati biss minn National Grid plc (ir-Renju Unit).

Centrica u Bridgepoint se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Grain kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Centrica hija kumpanija multinazzjonali tal-enerġija u s-servizzi, attiva prinċipalment fil-provvista tal-elettriku u l-gass fir-Renju Unit u fl-Irlanda kif ukoll fil-produzzjoni u l-ħżin tal-gass naturali u l-investiment fl-infrastruttura tal-enerġija,

— ECP hija ditta tal-investiment, attiva fl-infrastruttura tal-enerġija kollha. Bridgepoint huwa grupp internazzjonali tal-ġestjoni tal-assi alternattivi, elenkat fil-Borża ta' Londra,

— Grain jopera t-terminal LNG Grain fir-Renju Unit, inkluż il-ħżin tal-LNG, ir-rigassifikazzjoni kif ukoll is-servizzi ta' trażmissjoni, u jippossjedi u jġestixxi s-sit li fih jinsabu t-terminal u operazzjonijiet oħra fil-qrib.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12155 — CENTRICA / BRIDGEPOINT / GRAIN

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË